QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 46** **IT-TLIETA 08 TA' FRAR 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Bjorn Azzopardi, Dennis Zammit, Jeffrey Camilleri, Jason Busuttil, Ralph Puli (7:10pm) u Margaret Mercieca (7:25).

Il-Kunsillier Simon Vella Gregory informa li ma setax jattendi minħabba xogħol u kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**46/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 45**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 45 li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda. **Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 45 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**46/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**46/02/01** **Is-Sindku** għamel referenza għall-paragrafu 45/05 dwar

il-GAL Xlokk Programm Leader u ġibed l-attenzjoni dwar l-*Action Number* M313 li taħseb sabiex iseħħ *Encouragement of Tourism activities*, li huma maqsumin f'żewġ kategoriji: *Type A: Setting up of trails that interlink various sites of Tourism value and Type B: The provision and one-time restoration of small-scale recreational amenities such as leasure parks.* Għalhekk ippropona li l-perit tal-Kunsill jibda jaħdem fuq *tourism trail* minn fuq tal-Blat 1 għall-kappella tal-Ħlas, sabiex b'hekk jitħejja d-dokument u l-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni li l-Kunsill ikun jista' jressaq.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**46/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** daħal għas-seduta fis-7:10pm.

## 46/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2011

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar
**b)** *Bank Payments* Jannar 2011
**c)** *Petty Cash* Jannar 2011

**Il-Kunsillier Thomas Harsworth** issekonda.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**46/05** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** daħlet għas-seduta fis-7:25pm.

## 46/06 RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI 2010

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq fuq il-mejda kopja tar-Rapport Finanzjarju għas-sena Jannar-Diċembru 2010, liema rapport kien iċċirkulat u meħud bħala moqri, u talab lill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella sabiex jagħti spjega dettaljata ta' dan id-dokument, li għandu jiġi approvat sabiex jitressaq għall-awditjar. **DOK 'C'**

**L-*Accountant*** fisser fid-dettal id-dokument imressaq ta' l-*accounts* tal-Kunsill għas-sena 2010 u ppreżenta analiżi dettaljata tad-Dħul u l-Infieq tal-Kunsill matul din is-sena u tal-pożizzjoni finanzjarja preżenti tal-Kunsill, li tirrifletti l-ħidma tal-Kunsill. Din l-analiżi għas-sena 2010 tqabblet mad-Dħul u l-Infieq tad-disa' xhur tas-sena 2009, fejn f'dawn it-

tnax-il xahar il-Kunsill kellu dħul totali ta' €1,695,496 u Infieq ta' €1,647,677, kif muri f'paġna 3 taħt *Statement of Income and Expenditure for the year ended 31 December 2010*. Huwa fisser d-dħul li l-Kunsill irċieva mill-Gvern Ċentrali, fejn minbarra l-Allokazzjoni ta' €978,014 kien hemm dħul ieħor li ammonta għal €69,989 minn diversi skemi li l-Kunsill applika u ingħata matul din is-sena. Dan l-ammont jinkludi l-iskema ta' l-Attivitajiet, l-iskema tal-Libreriji, l-iSkema Aċċessibilita' Aħjar fil-Lokalitajiet tas-sena 2009, Skema Energy Saving, l-iSkema Attivitajiet fuq Skala Nazzjonali bil-wasla tal-Papa f'Ħal Qormi, Fondi Speċjali Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali, u l-iSkema Restawr Postijiet Storici Żgħar.

Ingħatat ukoll tifsira tad-dħul mill-*Local Enforcement System*, bit-tħaddim tal-Gwardjani Lokali u l-Pulizija, flimkien mal-i*Speed Cameras*, fejn kien emfażizzat għal darb'oħra l-fatt li dan id-dħul minn x'aktarx April tas-sena 2011 mhux se jibqa' dħul għand il-Kunsill imma se jkun tar-Reġjun, fejn sal-lum il-Kunsill għadu ma jafx kif dan id-dħul sejjer jitħaddem. L-*Accountant* fisser ukoll li taħt *General Income* din is-sena hemm dħul li ġej mill-ftehim milħuq permezz tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għas-snin 2007 sal-2010, dwar ix-xogħol kollu li l-Korporazzjoni ta' l-Ilma tagħmel fil-lokalita' ta' Ħal Qormi.

L-*Accountant* tal-Kunsill Christian Vella kompla jispjega fid-dettal id-dokument imħejji għall-awditjar, l-Infieq li sar matul is-sena 2010 u kull darba qabbel mal-infieq għas-sena 2009 li kien fuq disa' xhur. Inġibdet l-attenzjoni dwar iż-żieda fl-infieq tas-servizzi kontrattwali, fejn kien hemm żieda fl-infieq bil-kuntratti li daħlu fis-seħħ matul is-sena, il-Kuntratti tal-Ġbir ta' l-Iskart bieb bieb u l-ħlas lill-*Wasteserv*, u l-kuntratti tal-Knis.

**46/07** **Il-Kunsillier Jeffery Camilleri talab** li jkun skużat mis-seduta u ħareġ fis-7:45pm.

Saret spjega ukoll tal-infieq Amministattiv, fejn taħt servizzi professjonali kien hemm it-tħaddim għall-ewwel darba tal-*Contract Manager* għall-kuntratti tal-ġbir ta' l-iskart, tan-*non urban* u tal-Knis. Kien ukoll imfisser iż-żidiet tal-Assi tal-Kunsill fejn din is-sena l-Kunsill għamel żieda oħra ta' €617,477. L-*Accountant* fisser il-mistoqsijiet li tressqu mill-Kunsilliera u reġa' tenna li l-ħidma pożittiva tal-Kunsill hija riflessa f'dawn il-figuri finanzjarij miġbura f'dan ir-rapport. Huwa fisser li il-bilanċ li spiċċa bih il-Kunsill fi tmien din is-sena finanzjarja reġa' kien wieħed pożittiv u dan jindika l-għaqal li bih tmexxiet l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali anke matul din is-sena.

**Is-Sindku** rringrazzja lill-*Accountant* għall-ispjega li ta lill-Kunsill u ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

Ivvutaw Favur id-disa' (9) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni** u dan id-dokument issa għandu jintbagħat lill-Awditur Generali sabiex jinbeda l-awditjar tas-sena 2010,

**46/08 AĠĠORNAMENT**

Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | John Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)